Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima
B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Illum, is-17 ta' Jannar 2019

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**James Farrugia**

***<u>Kumpilazzjoni Nru. 572/2018</u>***

Il-Qorti,

Rat l-akkuzzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat James Farrugia detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 444886M u cioe' talli:
Fl' 1 ta' Settembru 2018 ghal habta tad-disa' ta' filghaxija (21.00hrs) gewwa 179, Santa Marija, Mais 2, Triq ta' Masrija, Mellieha u fil-vicinanzi qrib l-istess fond:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victoria Camilleri (ID 409488M), skont kif iccertifikat Dr. Tracy Lee Vidal MD mill-klinika tal-Mosta u dan bi ksur tal-artikolu 202, 214 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser voluntarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta provizorja hekk kif impost lilu nhar il-27 ta' April 2018 minn Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio G. Vella u dan bi ksur tal-artikolu 579 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli naqas li josserva jew kiser xi wahda jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni inharget mill-Magistrat Dr. Antonio G Vella, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta ta' Victoria Camilleri, u dan bi ksur tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-akkuzat bhala recidiv u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, bl-iskop illi tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, u cioe' ta' Victoria Camilleri, jew ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus, u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi terga' tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a beneficcju ta' Victoria Camilleri.
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti processwali.

Rat l-Artikoli.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

Illi ix-xhieda mressqa, fosthom l-iSpettur Josef Gauci, fejn xehed fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, qal illi fl-ewwel (1) ta' Settembru 2018 kienet marret tirraporta l-ghassa tal-Mosta Victoria Camilleri, fejn allegat illi kien mar xi hadd ihabbtilha l-bieb tar-residenza taghha fid-disgha ta' filghaxija, fejn meta fethet il-bieb sabet lil James Farrugia li qabadha minn xagharha, filwaqt illi hi qaltlu biex jitlaq il-barra. Hi allegat illi James beda jghajjat maghha u jsaqsiha min hemm gewwa, filwaqt illi hi qabdet ic-cwievet tal-karrozza u dahlet fil-karrozza u James dahal fil-karrozza maghha. Waqt illi hi kienet

qieghda ssuq James allegatament beda jaghtiha u meta harget mill-karrozza James beda jaghtiha bis-sieq fuq rasha. Dan sehh quddiem ir-Reflections Bar, il-Mellieha, fejn holqu kommossjoni quddiem ir-residenti illi cemplu lil-Pulizija. Fil-fatt marru fuq il-post membri tal-RIU u l-Pulizija tad-distrett tal-Qawra fejn sabu lil Victoria Camilleri u bghatuha taghmel certifikat fil-Polyclinic tal-Mosta. Victoria stqarret mal-Pulizija li diga kien hemm *protection order* mahrug mill-Magistrat Dr. Antonio G. Vella fejn l-akkuzat ma jistghax jersaq lejha ghax diga kien hemm kawzi ta' vjolenza domestika. James Farrugia gie arrestat l-ghada wara nofs in-nhar u gie mehud l-isptar Mater Dei fejn skond ic-certifikat, kellu griehi hfief li allegatament kienet ghamlithomlu l-parte civile, fejn fil-fatt ix-xhud informa il-Qorti li ser jinhargu *charges* fil-konfront tal-parte civile, ghax kien argument bejn tnejn minn nies. Ix-xhud kompla jghid li l-partijiet sahansitra ghandhom tifel ta' disa' snin bejniethom. L-iSpettur ipprezenta kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, tal-garanzija personali u l-ordni tal-protezzjoni u garanzija depozitu terz idoneju li hemm fil-konfront ta' l-imputat fil-kawza Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs James Farrugia.

Xehed ukoll fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018, PC 1586 Ronnie Attard fejn qal illi nhar l-1 ta' Settembru 2018 waqt illi kien l-ghassa tal-Mosta hu kien gie infurmat mill-Pulizija tal-Mellieha illi kien hemm argument fil-Mellieha u zewg Pulizija marru fuq il-post fejn sabu lil Pulizija tal-RIU u lil Victoria Camilleri. Gew infurmati li kien hemm argument bejn il-parte civile u l-akkuzat, izda l-akkuzat lahaq telaq minn fuq il-post. Il-parte civile giet mibghuta l-Polyclinic u wara marret l-Ghassa tal-Mosta biex taghmel rapport. Il-Pulizija ma setghux isibu lil James Farrugia dakinhar u nstab l-ghada wara nofs in-nhar fir-residenza ta' ommu u gie arrestat. PC 1586 jghid illi kien kellem il-parte civile meta marret l-ghassa taghmel ir-rapport ghalkemm ma kienx hu li ha r-rapport, fejn hija stqarret illi waqt illi kienet id-dar, mar l-imputat ihabtilha l-bieb u inqala argument li kompla fit-triq hdejn ir-Reflections. Fil-fatt kienu diversi nies li ghamlu r-rapport.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018 xehdet ukoll il-parte civile Victoria Camilleri, fejn iddikjarat li qed taghzel li ma tixhidx fuq il-kaz odjern sabiex ma tinkriminax ruhha.

Illi fis-seduta ta' l-4 t'Ottubru 2018, xehdet it-tabiba Dr. Tracy Lee Vidal fejn ikkonfermat illi harget ic-certifikat mediku li hemm ezebit a foll.32 wara illi ezaminat il-griehi ta' Victoria Camilleri fejn ikklasifikathom bhala griehi hfief salv kumplikazzjonijiet.

Illi xehed PC 1228 Joseph Vella fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 fejn qal, illi dakinhar tal-incident kien stazzjonat il-Mellieha meta kien gie infurmat mill-Control Room li kien hemm xi argument fis-sebgha u nofs ta' filghaxija. Hu mar fuq il-post ma' PC 1034 fejn sabu lil tal-RIU u l-parte civile, waqt illi l-akkuzat kien diga' telaq minn fuq il-post. Il-parte civile marret il-Polyclinic tal-

Mosta u wara marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Mosta. PC 1228 xehed illi huma daru l-akwati biex jaraw jsibux lil akkuzat imma baqghu ma sabuhx.

Illi fis-seduta tal- 15 ta' Novembru 2018, xehdet Joanne Farrugia, Probation Officer, li qieghda ssegwi lil akkuzat li qieghed taht probation order fejn hi qalet li l-imputat ghandu problema tad-droga u issa jidher li jixtieq jaghmel il-program sabiex jeghleb dan il-vizzju.

Illi rat ir-rikors ipprezentat mill-parte civile Victoria Camilleri datat 6 ta' Dicembru 2018 fejn umilment qed titlob lil din il-Qorti sabiex tvarja l-Ordni ta' Protezzjoni vigenti favur l-esponenti billi tawtorizza lill-esponenti tavvicina u jkollha kuntatt ma' l-imputat flimkien ma' iben il-partijiet. Rat ukoll ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 19 ta' Dicembru ghal dan ir-rikors intavolat mill-parte civile.

**Konkluzzjoni:**

Illi primarjament il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fir-rikors intavolat mill-parte civile Victoria Camilleri datat 6 ta' Dicembru 2018 u tar-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 19 ta' Dicembru 2018, stante li tali Ordni ta' Protezzjoni giet mahruga kontra l-imputat James Farrugia fis-27 t'April 2018 minn din il-Qorti dakinhar diversament preseduta, fil-kaz Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs James Farrugia, liema kaz ghadu qed jinstema' separatament, quddiem din l-istess Qorti hekk preseduta, u mhux fil-kaz odjern u cioe' Pulizija (Spettur Josef Gauci) vs James Farrugia.

Illi fir-rigward il-kaz odjern, il-Qorti wara li sehmet ix-xhieda mressqa u rat d-dokumenti prezentati, rat illi l-parte civile Victoria Camilleri li hija xhud essenzjali ghal dan il-kaz, sabiex jigu stabbiliti u kkonfermati certi fatti tal-kaz, kif ukoll sabiex jigu ippruvati l-allegazzjonijiet li ghamlet l-istess parte civile kontra l-imputat, din ghazlet illi ma tixhidx f'dawn il-proceduri sabiex ma tinkriminax ruhha.

Illi wkoll il-Qorti rat li ma tressaq l-ebda xhud li kien prezenti waqt l-incident bejn l-imputat u l-parte civile, liema incident allegatament tkompla fi triq pubblika, kif ukoll illi x-xhieda kollha mressqa, marru fuq il-post ta' l-allegat incident, jew wara li sehh l-incident jew kienu prezenti biss meta l-parte civile Victoria Camilleri ghamlet ir-rapport fl-Ghassa tal-Mosta u c-Certifikat mediku fil-Poliklinika tal-Mosta.

Illi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 202, 214, 221, 338(m), 338(dd), 579 et seq., 412C, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija konvinta li tali akkuzzi ma gewx ippruvati u ghalhekk l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat